MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 71/2005

Kawza fil-lista: 19

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

Premess illi l-attrici A B u l-konvenut C D zzewgu fil-25 ta' Mejju 2002;

Premess illi miz-zwieg ta' bejn il-kontendenti ma twieldux tfal;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha;

Premess illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg inkiseb bi vjolenza, sew fizika sew morali, jew biza’;

Premess illi ghalhekk iz-zwieg bejn il-partijiet hu null u invalidu skond il-ligi;

Ghaldaqstant jghid l-konvenut ghaliex m’ghandiex din l-Onorabbli Qorti ghar-ragunijiet premessi:

Tiddeciedi u tiddikjara li z-zwieg bejn il-partijiet tal-25 ta’ Mejju 2002 fuq imsemmi hu null u invalidu ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li hu minn issa ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut, filwat li ddikjara li huwa jaqbel li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null, jattribwixxi parti mit-tort lill-attrici; izda jinnega li l-kunsens matrimonjali tieghu kien vizzjat fit-termini ta’ l-artikolu 19[1][a] tal-Kap.255 ;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, il-listi tax-xhieda, u l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha mal-konvenut kuntrattat fil-25 ta’ Mejju 2002 huwa fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali “tal-partijiet” kien vizzjat fit-termini tal-paragrafu [a], u l-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Il-konvenut minn naha tieghu jattribwixxi parti mit-tort lill-attrici.

**Il-Fatti**

Illi l-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, kif ukoll ezaminat id-diversi affidavits prezentati ; u tosserva li whud mill-fatti allegati mill-konvenut, jinsabu direttament u kategorikament michuda mill-attrici, li minn naha taghha pero' tammetti certu fatti.

Illi l-partijiet izzewwgu fil-25 ta' Mejju 2002, meta allura l-attrici kellu 23 sena, u l-konvenut kellu 22 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien kwazi tlett snin. Minn dan iz-zwieg ma twieldux tfal. Wara konvivenza matrimonjali qasir ta' kwazi tlett snin, il-partijiet isseparaw de facto.

Jirrizulta sodisfacentement provat li qabel iz-zwieg l-attrici kellha dubji serji dwar il-pass li kienet ser taghmel, u dan wassal sabiex fiz-zmien ix-xahar ta' qabel iz-zwieg hija kienet esprimet mal-konvenut id-dubji taghha, u kienet qaltlu li kienet qeda "tibza" li tizzewweg ; izda l-fatt li l-preparamenti kienu diga' lesti, anke l-inviti mibghuta, kienu fatturi li ddeterminaw id-decizjoni ta' l-attrici li tkompli biz-zwieg. Hija tispjega li, ghalkemm ma kienitx xtaqet li taghmel dak il-pass, almenu f' dak iz-zmien, hija hasset pressjoni anke mill-familjari tal-partijiet li kienu kollha kkargati ghall-gurnata tat-tieg, u fi kliemha, "ma riedtx nohloq choas."

Wara tlett xhur taz-zwieg, ghalkemm l-attrici kienet ipprovat li tkompli bil-hajja konjugali, hija ndunat li ma kienx ser jirnexxilha tkompli, u ghalhekk l-att taz-zwieg kien isir bi prekawzzjoni biex ma jitwieldux tfal.

Minn naha tieghu l-konvenut beda jinduna li l-attrici, allura martu, kienet qed tkun dejjem aktar riluttanti ghall-att taz-zwieg, sakemm eventwalment, fiz-zmien sentejn miz-zwieg, ir-relazzjonijiet intimi waqfu kompletament ; bir-rizultat li l-konvenut telaq mid-dar konjugali. Dan jghid, u f' dan ir-rigward ma giex kontraddett, li meta kien qed jizbarazza l-affarijiet tieghu mid-dar konjugali, sab li l-attrici kellha l-pillola kontracettiva li ma kienitx qaltlu biha.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi mill-fatti sodisfacentement provati, il-Qorti tirravviza f' dan il-kaz l-eziztenza tal-caput nullitatis kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu [d] ta' l-artikolu precitat, fil-konfront ta' l-attrici, stante li mill-komportament taghha, kemm ftit qabel iz-zwieg, u izjed u izjed wara z-zwieg, jirrizulta li dina fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali taghha kienet affetta minn difett serju ta' diskrezzjoni ta gudizzju fuq id-drittijiet u dmirijiet tal-hajja konjugali. Meta hija, nonostante id-dubji li kienu qed jassaluha kontinwament saz-zmien qrib iz-zwieg, hadet id-decizjoni li tkompli u tizzewweg lill-konvenut, hija wriet li ma kienitx apprezzat bizzejjed l-import tal-hajja konjugali.

Minn naha tal-konvenut, ma gewx provati fatti li jikkostitwixxu bazi legali ghall-annullament fit-termini tal-kawzali proposti mill-attrici.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt skond l-artikolu 19[1][d] tal-Kap.255, u ghalhekk timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici, u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil-25 ta' Mejju 2002.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-attrici.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------